**MINUTI TAL-LAQGĦA URĠENTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, s-27 ta' April 2011**

**Ħin: Fl-10.00 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairman**
- **Is-Sur George Sacco**
- **Is-Sur Joseph Zammit**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Chev. Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgha ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

B' konnessjoni mal-attivita' 'Ġmiel il-Fatra', iċ-Chairperson għarrfet lill-Kamra li Nicky Saliba ma aċċettax li jaħdem b' €1,000 nar biss. Is-Sinjura Saliba qalet li fid-dawl ta' dan, hi avviċinat lil Toni Cauchi u qaltlu bil-biċċa tax-xogħol. Qalet li Cauchi aċċetta li jforni b' €1,000 nar tal-art għall-attivita'.

Il-Kumitat unanimament approva li jinxtara b' €1,000 nar tal-art mingħand Toni Cauchi.

Il-Kumitat approva:

- li jitqassam flier f' kull residenza ġewwa Għawdex (tintalab stima lil B.C.D. u Debono Printing – fuljett daqs A5, *one colour*, karta 80gms).
- servizz ta' fotografu – Joseph Mercieca (l-ispiża m' għandiex teċċedi l-€100).

Il-Kumitat ma kellux oġġezzjonijiet għall-applikazzjoni ta' James Said biex jarma l-*bumping cars* mit-18 ta' Ġunju sal-11 ta' Settembru 2011 fil-*car park* ta' Marsalforn (skont nru. tal-fajl 11456). Il-Kumitat sostna li għandha titħares is-siġurta' tat-tfal.

Iċ-Chairperson għarrfet lill-Kamra li l-ħajt minn Neptunes il-ġewwa (fejn ser isiru r-*railings* ġodda) għandu bżonn jinbena mill-ġdid. Kien maqbul li ssir *site visit* mill-Perit biex joħroġ stima tax-xogħol u jara jekk hemmx bżonn permessi tal-MEPA.

Il-Kumitat approva li jinbidlu l-bankijiet ta' fuq il-*promenade* ta' Marsalforn, mill-Kartell Restaurant sa fejn hemm l-ATM tal-APS Bank; jagħmlu x-xogħol il-ħaddiema tal-Beach Cleaning u l-materjal jinxtara mill-Kumitat. Iċ-Chairperson qalet l-bankijiet ser isiru tal-i*stainless steel* u tal-iroko.

Ittra tal-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex dwar esebizzjoni li ser issir fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex. Il-Kumitat approva li joħroġ €65 biex issir il-kartolina bl-emblema ta' Marsalforn.

Il-laqgħa ntemmet fil-11.15 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| Maria Saliba | Diane Tagliaferro |
| Chairperson | Segretarja Eżekuttiva |